



Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2017/2066(INI)

28.9.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur
(2017/2066(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Josef Weidenholzer

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur u l-enfasi tiegħu fuq ħafna mill-kwistjonijiet u l-inizjattivi essenzjali li tqajmu fir-rapport tal-Parlament dwar il-Green Paper dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), pereżempju dawk dwar it-tariffi fi tranżazzjonijiet transfruntieri, l-ipprezzar għall-kiri tal-karozzi, l-assigurazzjoni tal-vetturi u l-eIDAS, u dawk li għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza u l-komparabbiltà tas-servizzi u l-prodotti finanzjarji fil-livell tal-UE; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni biddlu s-suq tas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur, bl-apparizzjoni ta' prodotti finanzjarji, mudelli kummerċjali u atturi ġodda bħall-kumpaniji l-ġodda tat-teknoloġija finanzjarja (Fintechs); jemmen li dawn l-iżviluppi jistgħu jtejbju l-għażla tal-konsumaturi, jappoġġjaw il-parteċipanti l-ġodda u l-innovazzjoni u jżidu l-użu tas-servizzi finanzjarji transfruntieri billi jsaħħu l-fiduċja tal-konsumaturi f'dawn is-servizzi;
2. Jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni jindirizza għadd ta' kwistjonijiet importanti u li f'ċerti oqsma jistabbilixxi l-miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni, bi skadenzi ċari;
3. Jemmen li l-ikkompletar tal-unjoni tas-swieq kapitali se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq uniku reali għas-servizzi u l-prodotti finanzjarji transfruntieri fl-Unjoni Ewropea kollha;
4. Jaqbel mal-Kummissjoni li qafas legali komprensiv waħdu mhuwiex biżżejjed, u li l-infurzar effettiv huwa kruċjali; jinnota li l-implimentazzjoni, u partikolarment l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' wara l-kriżi, li l-impatt tagħha jista' jkun viżibbli biss wara ftit snin, tirrappreżenta pass importanti għal diversi azzjonijiet proposti;
5. Jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni għandu jkun parti minn viżjoni aktar fit-tul għas-servizzi finanzjarji għall-konsumatur sabiex il-partijiet interessati kollha, inklużi l-konsumaturi u s-swieq finanzjarji, jingħataw trasparenza u ċertezza;
6. Jenfasizza li l-konsumaturi jeħtieġ ikunu jistgħu jidentifikaw l-aktar għażla adatta meta jkunu qed jagħżlu l-aħjar offerta u jeħtieġ ikunu konxji mit-tariffi u l-ispejjeż l-oħra assoċjati meta jkunu qed jagħmlu tranżazzjonijiet jew pagamenti barra minn pajjiżhom, anke meta tintuża l-konverżjoni dinamika tal-munita (DCC); jitlob lill-Kummissjoni tidentifika u twettaq monitoraġġ tal-prattiki mhux trasparenti – li għandhom jiġu pprojbiti kompletament fl-Unjoni – u tesiġi, meta jkun xieraq, li l-valur ta' tranżazzjoni jintwera kemm fil-munita lokali kif ukoll fil-munita tal-pajjiż tal-orijini tal-konsumatur fil-mument tat-tranżazzjoni, u li r-rati offruti minn fornituri tas-servizzi finanzjarji differenti jintwerew ukoll b'mod trasparenti li jinkludi t-tariffi kollha fiż-żewġ muniti, u jitlob, barra minn hekk, li tintwera rata ta' referenza newtrali pprovduta minn attur mhux kummerċjali sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw faċilment l-ispiża reali involuta fit-tranżazzjoni;

7. Jilqa' r-rieżami u t-tnaqqis tal-ostakli kummerċjali nazzjonali iżda jwissi li dan la għandu jirriżulta fi standards aktar baxxi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-konsumatur u lanqas iqiegħed lill-konsumaturi f'riskju, u li l-istabbiltà finanzjarja għandha tiġi ppreservata; jenfasizza li standard għoli ta' ħarsien u fiduċja tal-konsumatur huma essenzjali għal suq intern ġenwin fis-servizzi finanzjarji għall-konsumatur; jilqa' l-objettiv tal-Kummissjoni li tivverifika li l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE hija adatta u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja wkoll il-portabbiltà tal-prodotti finanzjarji għall-konsumatur;
8. Itenni l-fehma tiegħu li l-għodod ta' tqabbil online jistgħu jtejbju l-komparabbiltà bejn prodotti finanzjarji differenti u jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażla infurmata, pereżempju permezz ta' valutazzjoni komparattiva min-naħa tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u soluzzjonijiet diġitali, dment li l-għodod ta' tqabbil ikunu newtrali, inklużivi u jinvolvu d-divulgazzjoni totali tal-interessi finanzjarji kollha rilevanti u ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkun hemm; jemmen ukoll li l-għodod ta' tqabbil m'għandhomx jiffukaw biss fuq il-prezzijiet tal-prodotti, iżda anke fuq il-kwalità tagħhom, bl-għarfien li l-prodotti jew is-servizzi simili biss jistgħu jitqabblu bejn ġurisdizzjoni u oħra; jitlob lill-Kummissjoni taħdem mal-partijiet ikkonċernati sabiex jissaħħu l-kwalità u l-affidabbiltà tas-siti web tat-tqabbil tas-servizzi finanzjarji u tikkunsidra li tissorvelja t-tnedija u l-adozzjoni tal-inizjattiva tal-partijiet ikkonċernati "Prinċipji essenzjali għall-għodod ta' tqabbil", inklużi l-iskemi ta' ċertifikazzjoni fuq bażi volontarja, u tevalwa l-ħtieġa ta' ċertifikazzjoni obbligatorja;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-FinTech: l-influenza tat-teknoloġija fuq il-futur tas-settur finanzjarju¹, u tippromwovi l-ħarsien tal-konsumatur, is-sigurtà, l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni ġusta u tiżgura li l-prinċipju "l-istess servizzi, l-istess riskji, l-istess regoli, l-istess superviżjoni" japplika għall-kumpaniji kollha irrispettivament mis-settur jew il-ġurisdizzjoni tagħhom; jenfasizza li l-FinTech għandha titqies bħala attività finanzjarja ffaċilitata jew fornuta permezz ta' teknoloġiji ġodda, u dan jaffettwa s-settur finanzjarju kollu fil-komponenti kollha tiegħu, mis-settur bankarju għal dak tal-assigurazzjoni, il-fondi tal-pensjonijiet, il-konsulenza dwar l-investment, is-servizzi ta' pagament u l-infrastrutturi tas-suq;
10. Ifakkar li t-tariffi għall-pagamenti transfruntieri barra ż-żona tal-Euro għadhom għoljin; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tippromovi – rapidament – emenda tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001², sabiex jitnaqqsu t-tariffi għat-tranżizzjonijiet transfruntieri fl-Istati Membri kollha; jiddeplora, f'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' sistema komuni Ewropea ta' pagamenti bankarji online, bħal karta tal-kreditu jew tad-debitu fil-livell tal-UE u ta' proprjetà Ewropea;
11. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm ambjent kompetittiv ġust li jħeġġeġ l-innovazzjoni u joffri flessibbiltà regolatorja għall-esperimentazzjoni, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' sigurtà u ħarsien tal-konsumatur;
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-firma elettronika u l-identifikazzjoni elettronika għal tranżazzjonijiet aktar faċli u jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq il-ħidma marbuta mar-

¹ Testi adottati, P8_TA(2017)0211.

² ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.

Regolament eIDAS; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-persuni li mhumiex kapaċi jew ma jkunux jixtiequ jużaw il-firma elettronika jew l-identifikazzjoni elettronika; jippromwovi l-interoperabbiltà tal-identifikazzjoni elettronika transfruntiera fis-settur tas-servizzi finanzjarji u jitlob li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha (u possibbilment lil hinn, fil-pajjiżi taż-ŻEE u fl-Iżvizzera); jitlob lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tivvaluta b'urġenza l-ostakli regolatorji attwali għat-tekniki ta' identifikazzjoni elettronika u jenfasizza li kwalunkwe inizzjattiva li tittieħed għandha tkun teknoloġikament newtrali;

13. Jenfasizza l-importanza taċ-ċibersigurtà u jiddispijaċih li l-Kummissjoni ma tindirizzax kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tagħmel dan bħala parti mill-ħidma tat-task force tagħha;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jibqa' jkun hemm banek li joffru servizzi għall-konsumaturi, li jipprovdu servizz pubbliku essenzjali u huma ta' benefiċċju partikolari għall-SMEs, l-anzjani u l-konsumaturi vulnerabbli, li huwa inqas probabbli li jużaw is-servizzi bankarji elettroniċi u li jippreferu l-interazzjoni wiċċ imb wiċċ; jirrikonoxxi li l-għeluq tal-fergħat bankarji jiddegrada l-infrastruttura finanzjarja fil-livell lokali u jista' jkun ta' ħsara kbira ħafna għall-komunitajiet;
15. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huma ftit il-konsumaturi li jaqilbu minn prodott għal ieħor f'dak li għandu x'jaqsam mal-biċċa l-kbira tal-prodotti bankarji u tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja, u dan hu ta' ostaklu għad-dħul fis-swieq transfruntieri tal-konsumaturi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tara li l-konsumaturi tkunilhom aktar faċli li jaqilbu għal servizzi finanzjarji aktar vantaġġużi madwar l-UE u li jitterminaw il-kuntratti finanzjarji, sabiex is-self u prodotti finanzjarji oħra jkunu disponibbli lil hinn mill-fruntieri; jenfasizza l-potenzjal kbir għall-provvista ta' prodotti tal-assigurazzjoni fil-livell transfruntier, bħall-assigurazzjoni tal-vetturi; jinnota, madankollu, li l-prinċipju tal-libertà kuntrattwali jippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji jiddeċiedu ma' min jidħlu f'kuntratt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tirrikonoxxi l-importanza tal-kontroll tas-self predatorju u s-self ta' ammonti żgħar (payday loans), li rriżultaw fl-isfruttament tal-konsumaturi vulnerabbli u l-SMEs;
16. Jirrikonoxxi li l-kapaċità li jiġu vvalutati b'mod realistiku u preċiż ir-riskji finanzjarji involuti fis-self lil konsumaturi f'pajjiż ieħor hija prerekwiżit għas-self transfruntier; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-industrija finanzjarja, kriterji u standards komparabbli għall-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja li jagħmlu l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja paragonabbli bejn Stat Membru u ieħor sabiex is-self transfruntier ikun faċilitat u aġevolat;
17. Jenfasizza l-potenzjal tad-data fil-ħolqien ta' valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja aktar preċiżi u personali; jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni u l-privatezza tad-data fil-ħolqien ta' valutazzjonijiet ta' affidabbiltà kreditizja b'dan il-mod; jenfasizza li klassifikazzjoni tal-kreditu negattiva ma tistax tkun ibbażata biss fuq nuqqas ta' data bħal din, u li jeħtieġ jiġu esplorati metodi tradizzjonali ta' ħolqien ta' valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja f'każijiet fejn ma jkunx hemm biżżejjed data;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li s-superviżuri finanzjarji Ewropej, jiġifieri l-EBA, l-ESMA u l-EIOPA jingħataw is-setgħat u r-riżorsi xierqa biex iwettqu l-firxa sħiħa ta' dmirijiet regolatorji u superviżorji tagħhom fl-interessi tal-ħarsien tal-konsumatur.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	28.9.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Pascal Arimont, Dita Charanzová, Carlos Coelho, Sergio Gaetano Cofferati, Anna Maria Corazza Bildt, Daniel Dalton, Nicola Danti, Pascal Durand, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Robert Jarosław Iwaszkiewicz, Liisa Jaakonsaari, Philippe Juvin, Antonio López-Istúriz White, Jiří Maštálka, Eva Maydell, Marlene Mizzi, Nosheena Mobarik, Jiří Pospíšil, Marcus Pretzell, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Igor Šoltes, Ivan Štefanec, Catherine Stihler, Mihai Țurcanu, Anneleen Van Bossuyt, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Lucy Anderson, Edward Czesak, Kaja Kallas, Adam Szejnfeld, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimir Urutchev

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

32	+
ALDE	Dita Charanzová, Kaja Kallas, Matthijs van Miltenburg
ECR	Edward Czesak, Daniel Dalton, Nosheena Mobarik, Anneleen Van Bossuyt
PPE	Pascal Arimont, Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Philippe Juvin, Antonio López-Istúriz White, Eva Maydell, Jiri Pospíšil, Ivan Stefanec, Adam Szejnfeld, Mihai Turcanu, Vladimir Urutchev, Lambert van Nistelrooij
S&D	Lucy Anderson, Sergio Gaetano Cofferati, Nicola Danti, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Liisa Jaakonsaari, Marlene Mizzi, Virginie Rozière, Christel Schaldemose, Olga Sehnalová, Catherine Stihler
Verts/ALE	Pascal Durand, Igor Soltes

3	-
EFDD	John Stuart Agnew
ENF	Marcus Pretzell
GUE	Jiří Maštálka

2	0
EFDD	Robert Iwasekiewicz, Marco Zullo

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni